

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## tal-Unjoni Ewropea

C 312



Edizzjoni bil-Malti

### Informazzjoni u Avviżi

Volum 54

25 ta' Ottubru 2011

Avviż Nru

Werrej

Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RAKKOMANDAZZJONIJIET

#### Il-Kummissjoni Ewropea

2011/C 312/01

Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Ottubru 2011 dwar l-inizjattiva għall-ipprogrammar konġunt fil-qasam tar-riċerka "Ewropa Urbana – Sfidi Globali Urbani, Soluzzjonijiet Ewropej Konġunti" 1

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

#### Il-Kummissjoni Ewropea

2011/C 312/02

Rata tal-kambju tal-euro ..... 4

Prezz:  
EUR 3

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

## INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

|               |  |   |
|---------------|--|---|
| 2011/C 312/03 | Lista ta' aġenziji internazzjonali ta' kontroll u superviżjoni (minn hawn 'il quddiem, "aġenziji ta' superviżjoni") approvati mill-Istati Membri skont l-Anness VIII għar-Regolament (KE) Nru 612/2009 ( <i>Din il-lista tiegħu post il-lista ppubblikata f'ĠU C 215, 10.8.2010, p. 14</i> ) ..... | 5 |
|---------------|--|---|

## V Avviżi

## PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

|               |  |   |
|---------------|--|---|
| 2011/C 312/04 | Sejħa għal proposti taħt il-programm ta' ħidma Ideat 2012 tas-Seba' Programm Qafas tal-KE għall-Attivitajiet ta' Riċerka, Żvilupp Teknoloġiku u Dimostrazzjoni ..... | 9 |
|---------------|--|---|

**Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

|               |   |    |
|---------------|---|----|
| 2011/C 312/05 | Stedina lill-istituzzjonijiet akkademiċi biex jesprimu interess li jiġu involuti fil-Kumitat Konsultattiv Konġunt CARIFORUM-KE fuq il-bażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar Pożizzjoni Komunitarja fir-rigward tal-parteċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv CARIFORUM-KE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, u dwar l-għażla tar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet fil-Parti tal-KE .....        | 10 |
| 2011/C 312/06 | Stedina lill-organizzazzjonijiet nongovernattivi biex jesprimu interess li jiġu involuti fil-Kumitat Konsultattiv Konġunt CARIFORUM-KE fuq il-bażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar Pożizzjoni Komunitarja fir-rigward tal-parteċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv CARIFORUM-KE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, u dwar l-għażla tar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet fil-Parti tal-KE .... | 11 |

## PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

|               |  |    |
|---------------|--|----|
| 2011/C 312/07 | Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6357 – Koninklijke Philips/Indal Group) <sup>(1)</sup> | 12 |
|---------------|--|----|



<sup>(1)</sup> Test b'relevanza għaż-ŻEE

## I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

## RAKKOMANDEZZJONIJIET

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Ottubru 2011

**dwar l-inizjattiva għall-ippogrammar konġunt fil-qasam tar-riċerka "Ewropa Urbana – Sfdi Globali Urbani, Soluzzjonijiet Ewropej Konġunti"**

(2011/C 312/01)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 181 tiegħu,

Billi:

- (1) Fil-kuntest ta' xejriet globali li dejjem qed jintensifikaw bħall-urbanizzazzjoni, l-iżvilupp sostanzjali ta' żoni urbani Ewropej hija kwistjoni serja għas-soċjetà. Qed jibassar illi sal-2050 kważi 70 % tal-popolazzjoni globali ser tkun toqgħod fi bliet, żieda mill-madwar 50 % ta' bħalissa<sup>(1)</sup>. Iċ-ċifra għall-Ewropa hija ogħla: huwa mistenni li madwar 83 % tal-popolazzjoni (madwar 557 miljun) ser joqgħodu fi bliet sal-2050.
- (2) L-urbanizzazzjoni tinvolvi firxa wiesgħa ta' sfidi marbutin ma' xulxin, inkluż tiċħid u segregazzjoni soċjali, espansjoni urbana u konġestjoni, kwistjonijiet ta' sikurezza u sigurtà, degradazzjoni ambjentali, tniġġis u effetti tat-tibdil fil-klima. Dawn l-iżviluppi jagħmlu pressjoni fuq is-soċjetà u joħolqu sfida eċċezzjonali għar-reżiljenza, il-ġestjoni u l-governanza ta' sistemi urbani fl-Ewropa u fid-dinja.
- (3) Fl-istess waqt, l-Ewropa għandha tisfrutta l-vantaġġi ta' spazju urbanizzat. Iż-żoni urbani huma l-muturi għat-tkabbir fl-ekonomija Ewropea. Agglomerazzjonijiet urbani u bliet b'netwerks għabu l-iżvilupp 'il quddiem,

mhux biss minn perspettiva soċjo-ekonomika, iżda wkoll minn perspettivi teknoloġiċi u ġeopolitiċi. Il-bliet huma "ċentri ta' innovazzjoni" huma stess, fejn l-għarfien, il-politika u l-prassi jingħaqdu flimkien biex joħolqu ideat innovattivi, jimpjegaw teknoloġija ġdida u jibbenefikaw minn għarfien ġdid dwar il-muturi għall-iżvilupp urban, kif ukoll dwar l-isfidi u s-soluzzjonijiet għall-kisba tiegħu. Qiegħda wkoll tiżdid dejjem iżjed l-evidenza li n-netwerks ta' ċentri urbani ewlenin, ta' sikwit imsejja "bliet globali", jeżerċitaw dejjem aktar effett fuq l-iskala internazzjonali, filwaqt li fl-istess ħin trid tingħaraf l-importanza ta' bliet żgħar u ta' daqs medju minħabba l-impatt tagħhom, notevolment f'termini ta' żvilupp reġjonali. L-Ewropa hija kkaratterizzata minn densità urbana għolja u minn għadd kbir ta' bliet żgħar u ta' daqs medju, li l-assi tagħhom għandhom jitqiesu minn perspettiva ekonomika, soċjali u kulturali.

- (4) L-istrateġija Ewropa 2020 tippreżenta tliet prijoritajiet reċiproċi, it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv<sup>(2)</sup>. Żvilupp urban sostenibbli jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għal kisba ta' dawn l-għanijiet. Fl-inizjattiva ewlenija "Unjoni tal-Innovazzjoni" stipulata fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tas-6 ta' Ottubru 2010 "Inizjattiva Ewlenija Ewropa 2020 Unjoni tal-Innovazzjoni"<sup>(3)</sup>, waħda mis-Sħubijiet ta' Innovazzjoni potenzjali hija "bliet intelliġenti u abitabbli li jgħaqqdu flimkien l-effiċjenza fl-enerġija, it-trasport nadif u l-Internet veloċi". Il-bliet jistgħu jikkontribwixxu għal tkabbir inklużiv, notevolment fil-ġlieda kontra l-polarizzazzjoni soċjali u l-faqar, waqt li tiġi evitata s-segregazzjoni soċjali u jiġu indirizzati kwistjonijiet dwar it-tixjiħ demografiku.

<sup>(1)</sup> <http://www.un.org/esa/population/unpop.htm>

<sup>(2)</sup> Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Ewropa 2020 – Strateġija għal Tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv", Brussell, COM(2010) 2020.

<sup>(3)</sup> COM(2010) 546.

Il-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali<sup>(1)</sup> għandha l-għan li tilħaq il-mira tal-UE biex jitnaqqsu l-faqar u l-esklużjoni soċjali b'mill-anqas 20 miljun sal-2020. Ser tgħin biex tidentifika l-aqwa prassi u tippromwovi tagħlim reċiproku bejn il-muniċipalitajiet.

- (5) Hemm bżonn urġenti li tissaħħaħ il-bażi tal-għarfien dwar l-iżvilupp urban integrat permezz tal-interfaċċi tar-riċerka tagħha tal-ekonomija, is-soċjetà, il-mobbiltà u l-ekoloġija, sabiex tappoġġa t-fassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza.
- (6) Teħtieġ koordinazzjoni biex jiġu indirizzati l-isfidi m-semmija hawn fuq, biex jittieħed vantaġġ tal-opportunitajiet u biex tiġi ffaċilitata kollaborazzjoni fir-riċerka ta' kwalità għolja bil-għan li ttiprovdi evidenza ta' riċerka li tkun il-bażi ta' żoni urbani bħala sistema kumplessa ta' netwerks b'interdipendenzi għoljin tas-sistemi sekondarji ekonomiċi, teknoloġiċi, soċjali u ekoloġiċi relatati u b'perspettiva li tħares 'il quddiem fuq medda twila ta' żmien.
- (7) Fil-laqgħa tiegħu tas-26 ta' Mejju 2010<sup>(2)</sup>, il-Kunsill għall-Kompetittività identifika u ssostanzja sett ta' inizjattivi potenzjali għall-ipprogrammar konġunt (minn hawn 'il quddiem JPIs), fosthom dik imsejħa "Ewropa Urbana – Sfidi Globali Urbani, Soluzzjonijiet Ewropej Konġunti (Urban Europe — Global Urban Challenges, Joint European Solutions)", bħala oqsma li fihom l-ipprogrammar konġunt fil-qasam tar-riċerka jagħti valur miżjud ewlieni lill-isforzi fframmentati attwali tal-Istati Membri u lill-inizjattivi eżistenti tal-Unjoni. Għalhekk, dan il-Kunsill adotta konklużjonijiet li fihom għaraf il-hteiga li tinieda inizjattiva għall-ipprogrammar konġunt marbuta ma' dan is-suġġett u li fihom stieden lill-Kummissjoni tagħti kontribut fit-tħejjija ta' din l-inizjattiva.
- (8) L-Istati Membri kkonfermaw li huma se jieħdu sehem fit-tali JPI billi bagħtu ittri formali ta' impenn.
- (9) L-ipprogrammar konġunt fil-qasam tar-riċerka dwar iżvilupp urban sostenibbli se jipprovdi għall-koordinazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni f'dan il-qasam, u se jagħti kontribut sinifikanti għall-bini ta' Żona Ewropea tar-Riċerka li taħdem b'mod sħiħ għar-riċerka u l-innovazzjoni dwar l-iżvilupp urban, u se jsaħħaħ ir-rwol ta' tmexxija u l-kompetittività tal-Ewropa fir-riċerka f'dan il-qasam.
- (10) L-iżvilupp urban huma qasam importanti b'perspettiva intertematika fi ħdan il-programmi ta' finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni. Jeħtieġ li l-attivitajiet fi ħdan din il-JPI jiġu kkoordinati mill-qrib mal-attivitajiet relatati l-oħrajn fil-kuntest ta' programmi ta' finanzjament u inizjattivi eżistenti u futuri dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni.

- (11) Għaldaqstant, u sabiex jinkisbu l-għanijiet stipulati b'din ir-Rakkomandazzjoni, l-Istati Membri għandhom jikkoo-peraw mal-Kummissjoni sabiex jiżguraw koordinazzjoni u iżvilupp ta' sinerġiji mal-iskemi eżistenti ta' riċerka u innovazzjoni billi jiġu esplorati l-inizjattivi tal-Kummissjoni relatati bħall-Bliet Intelliġenti u l-Inizjattiva tal-Komunitajiet kif ukoll inizjattivi oħrajn relatati, sabiex jiġu evitati d-duplikazzjoni u r-repetizzjoni.
- (12) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw regolarment lill-Kummissjoni dwar il-progress li jkun sar f'din il-JPI,

#### ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:

1. L-Istati Membri huma mħeġġa jiżviluppaw u jżommu viżjoni komuni dwar kif il-koooperazzjoni u l-koordinazzjoni fil-qasam tar-riċerka fil-livell tal-Unjoni jistgħu jikkontribwixxu għal kisba ta' iżvilupp urban sostenibbli fil-forom kollha tiegħu<sup>(3)</sup>.
2. L-Istati Membri huma mħeġġa jiżviluppaw aġenda strateġika komuni tar-riċerka li tistabbilixxi l-bżonnijiet u l-għanijiet fil-perjodu taż-żmien medju u fit-tul tar-riċerka fil-qasam tal-iżvilupp urban f'kuntest ta' globalizzazzjoni li qiegħda tiżdied. L-aġenda strateġika tar-riċerka għandha tinkludi pjan ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-prioritajiet u l-iskedi ta' żmien u li jispeċifika l-azzjonijiet, l-istrumenti u r-riżorsi meħtieġa għall-implimentazzjoni tiegħu.
3. L-Istati Membri huma mħeġġa jinkludu l-azzjonijiet li ġejjin bħala parti mill-aġenda strateġika tar-riċerka u fil-pjan ta' implimentazzjoni:
  - (a) l-identifikazzjoni tat-tagħrif dwar il-programmi nazzjonali u l-attivitajiet ta' riċerka rilevanti u l-iskambju ta' dan it-tagħrif;
  - (b) ir-rinfurzar tal-kapaċitajiet fil-perspettiva konġunta kif ukoll fil-valutazzjoni tat-teknoloġija;
  - (c) l-iskambju tat-tagħrif, tar-riżorsi, tal-aqwa prassi, tal-metodoloġiji u tal-linji gwida;
  - (d) l-identifikazzjoni ta' oqsma jew ta' attivitajiet ta' riċerka li se jibbenefikaw mill-koordinazzjoni u mit-tisħiħ ta' din il-koordinazzjoni;
  - (e) l-identifikazzjoni ta' oqsma jew ta' attivitajiet ta' riċerka li se jibbenefikaw mis-sejħiet konġunti għall-proposti jew mill-għbir flimkien tar-riżorsi;
  - (f) id-definizzjoni tal-modi li bihom għandha titwettag ir-riċerka b'mod konġunt fl-oqsma msemmija fil-punt (e);

(1) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, Il-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali: Qafas Ewropew għall-koeżjoni soċjali u territorjali Brussell, COM(2010) 758 finali.

(2) 10246/10.

(3) <http://www.jpi-urbaneurope.eu>

- (g) l-iżgurar tal-koordinazzjoni, l-iżvilupp ta' sinerġiji mal-programmi u l-inizjattivi ta' finanzjament eżistenti u futuri dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni fl-Unjoni, u l-evitar tad-duplikazzjoni ma' inizjattivi eżistenti u futuri tal-Unjoni f'dan il-qasam;
- (h) il-kunsiderazzjoni tal-bżonnijiet li jinbidlu tal-bliet u l-popolazzjoni urbana meta jiġu definiti l-għanijiet għal programmi ta' riċerka dwar l-iżvilupp urban;
- (i) il-qsim, fejn ikun xieraq, tal-infrastrutturi eżistenti tar-riċerka jew l-iżvilupp ta' faċilitajiet ġodda bħalma huma l-banek tad-dejta kkoordinati jew l-inventarju u l-iżvilupp ta' mudelli sabiex jiġu studjati l-proċessi urbani;
- (j) it-thegħiġ ta' kollaborazzjoni aħjar fis-settur pubbliku u bejn is-settur pubbliku u dak privat, kif ukoll l-innovazzjoni miftuħa bejn l-attivajiet differenti ta' riċerka, is-settur tal-edukazzjoni u tan-negozju relatati mal-iżvilupp urban waqt li jiġi żgurat involviment wiesa' tal-partijiet interessati konċernati bħall-awtoritajiet lokali u s-soċjetà ċivili;
- (k) l-esportazzjoni u t-tqassim tal-għarfien, l-innovazzjoni u l-approċċi metodoloġiċi interdixiplinari, kif ukoll l-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ostakli fis-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni li ma jippermettux soluzzjonijiet innovattivi b'benefiċċju għas-soċjetà milli jilhqqu s-suq aktar malajr;
- (l) l-għotja ta' tagħrif xjentifiku adattat fil-livell tat-tfassil ta' politika fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-Unjoni;
- (m) il-ħolqien ta' netwerks bejn ċentri ddedikati għar-riċerka urbana, inkluż ċentri li huma l-barra miż-Żona Ewropea tar-Riċerka.
4. L-Istati Membri huma mħeġġa jistabbilixxu u jkomplu jiżviluppaw struttura effiċjenti ta' ġestjoni komuni fil-qasam tar-riċerka dwar l-isfidi tal-iżvilupp urban, li jkollha s-setgħa tistabbilixxi kundizzjonijiet, regoli u proċeduri komuni għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni u li jkollha s-setgħa tissorvelja l-implimentazzjoni tal-aġenda strateġika tar-riċerka.
5. L-Istati Membri huma mħeġġa jimplementaw l-aġenda strateġika tar-riċerka b'mod konġunt permezz tal-programmi nazzjonali tar-riċerka tagħhom skont il-linji gwida tal-Kundizzjonijiet ta' Qafas fl-Ipprogrammar Konġunt żviluppatti mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Ipprogrammar Konġunt tal-Kunsill <sup>(1)</sup>.
6. L-Istati Membri huma mħeġġa jikkooperaw mal-Kummissjoni bil-għan li jesploraw inizjattivi tal-Kummissjoni relatati sabiex jgħinu lill-Istati Membri jiżviluppaw u jimplementaw l-aġenda strateġika tar-riċerka u sabiex jikkoordinaw il-JPI ma' inizjattivi oħra tal-Unjoni f'dan il-qasam, bħar-riċerka u l-iżvilupp appoġġati minn programmi ta' finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni, notevolment fl-oqsma tax-xjenzi soċjo-ekonomiċi u umaniċi, it-trasport, l-enerġija, l-ambjent, it-Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT), is-sigurtà, is-saħħa, kif ukoll inizjattivi oħrajn ta' riċerka u innovazzjoni bħal JPIs oħra relatati, il-Komunitajiet tal-Għarfien u l-Innovazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) u l-Pjattaformi Ewropej għat-Teknoloġija.
7. L-Istati Membri huma mħeġġa jikkollaboraw mill-qrib mal-Forum Strateġiku għall-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika Internazzjonali ("Strategic Forum for International Science and Technology" — SFIC) <sup>(2)</sup>, fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' dimensjoni internazzjonali possibbli fl-aġenda strateġika tar-riċerka u jiżguraw koerenza ma' inizjattivi tal-SFIC ma' u lejn pajjiżi terzi.
8. L-Istati Membri huma mħeġġa jirrapportaw b'mod regolari lill-Kummissjoni dwar il-progress li jkun qed isir f'din il-JPI permezz ta' rapporti annwali dwar il-progress.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Ottubru 2011.

Għall-Kummissjoni

Máire GEORGHEGAN-QUINN

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ERC-GPC 1311/10. L-Ipprogrammar Konġunt fil-qasam tar-riċerka għall-2008 sal-2010 u lil hinn minn dan il-perjodu – Rapport tat-12 ta' Novembru 2010 tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Ipprogrammar Konġunt lill-Kunsill – l-Anness II.

<sup>(2)</sup> L-SFIC oriġina mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2008 fejn il-Kunsill talab lill-Istati Membri u l-Kummissjoni biex jiffurmaw sħubija għda għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika internazzjonali. Huwa mwaqqaf mill-Kunsill bħala konfigurazzjoni ddedikata tal-Kumitat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

## IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI  
TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro <sup>(1)</sup>

L-24 ta' Ottubru 2011

(2011/C 312/02)

1 euro =

| Munita | Rata tal-kambju  | Munita  | Rata tal-kambju |                           |           |
|--------|------------------|---------|-----------------|---------------------------|-----------|
| USD    | Dollaru Amerikan | 1,3856  | AUD             | Dollaru Awstraljan        | 1,3320    |
| JPY    | Yen Ġappuniż     | 105,45  | CAD             | Dollaru Kanadiż           | 1,3938    |
| DKK    | Krona Daniża     | 7,4452  | HKD             | Dollaru ta' Hong Kong     | 10,7782   |
| GBP    | Lira Sterlina    | 0,86910 | NZD             | Dollaru tan-New Zealand   | 1,7219    |
| SEK    | Krona Żvediża    | 9,1065  | SGD             | Dollaru tas-Singapor      | 1,7589    |
| CHF    | Frank Żvizzeru   | 1,2280  | KRW             | Won tal-Korea t'Isfel     | 1 573,26  |
| ISK    | Krona İzlandiża  |         | ZAR             | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 11,1260   |
| NOK    | Krona Norveġiża  | 7,6915  | CNY             | Yuan ren-min-bi Ċiniż     | 8,8343    |
| BGN    | Lev Bulgaru      | 1,9558  | HRK             | Kuna Kroata               | 7,4888    |
| CZK    | Krona Ċeka       | 24,982  | IDR             | Rupiah Indoneżjan         | 12 261,46 |
| HUF    | Forint Ungeriż   | 297,40  | MYR             | Ringgit Malajżjan         | 4,3432    |
| LTL    | Litas Litwan     | 3,4528  | PHP             | Peso Filippin             | 59,993    |
| LVL    | Lats Latvjan     | 0,7047  | RUB             | Rouble Russu              | 42,7205   |
| PLN    | Zloty Pollakk    | 4,3739  | THB             | Baht Tajlandiż            | 42,787    |
| RON    | Leu Rumun        | 4,3240  | BRL             | Real Brażiljan            | 2,4650    |
| TRY    | Lira Turka       | 2,5253  | MXN             | Peso Messikan             | 18,8843   |
|        |                  |         | INR             | Rupi Indjan               | 69,0380   |

<sup>(1)</sup> Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

## INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

**Lista ta' aġenziji internazzjonali ta' kontroll u superviżjoni (minn hawn 'il quddiem, "aġenziji ta' superviżjoni") approvati mill-Istati Membri skont l-Anness VIII għar-Regolament (KE) Nru 612/2009**

(Din il-lista tiegħu post il-lista ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 215, tal-10 ta' Awwissu 2010, p. 14)

(2011/C 312/03)

**1. ĠENERALI**

Skont l-Artikolu 17(1)(b) u (2)(c) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 612/2009 <sup>(1)</sup>, l-aġenziji ta' superviżjoni approvati mill-Istati Membri, huma awtorizzati jgħoddu ċertifikati għall-ħatt u importazzjoni ta' prodotti agrikoli li jikkwalifikaw għal rifużjonijiet tal-esportazzjoni f'pajjiżi terzi jew, tal-anqas, għall-wasla tagħhom fid-destinazzjoni f'pajjiżi terzi.

Barra minn hekk, l-aġenziji ta' superviżjoni approvati u kkontrollati minn Stat Membru skont l-Artikoli 18 sa 23 tar-Regolament (KE) Nru 612/2009 jew minn aġenzija uffiċjali tal-Istat Membru għandhom ikunu responsabbli biex jaġhmlu l-kontrolli previsti fl-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 817/2010 (li jaġhti rekwiżiti għar-rifużjonijiet għall-esportazzjoni konnessi mal-benessri tal-annimali tal-ifrat haġjin matul it-trasport).

L-Istati Membri huma responsabbli għall-approvazzjoni u l-monitoraġġ ta' dawn l-aġenziji ta' superviżjoni.

L-approvazzjoni ta' aġenzija ta' superviżjoni minn Stat Membru wiehded tkun valida fl-Istati Membri kollha. Dan ifisser li ċ-ċertifikati maħruġa mill-aġenziji ta' superviżjoni approvati jistgħu jintużaw fil-Komunità kollha, irrispettivament mill-Istat Membru li fih tkun ibbażata l-aġenzija li toħroġ iċ-ċertifikat.

Għall-informazzjoni tal-esportaturi Komunitarji ta' prodotti agrikoli, il-Kummissjoni, perjodikament, tippubblika lista tal-aġenziji ta' superviżjoni kollha approvati mill-Istati Membri. **Din il-lista meħmuża kienet aġġornata fl-1 ta' Settembru 2011.**

**2. AVVIŻ**

Il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni tal-esportaturi għal dan li ġej:

- L-inklużjoni ta' aġenzija ta' superviżjoni fil-lista ma tagħtix garanzija awtomatika li ċ-ċertifikati li toħroġ huma aċċettabbli. Jistgħu jkunu meħtieġa aktar dokumenti bħala prova. Jista' jiġi wkoll li, maż-żmien, jirriżulta li ċ-ċertifikati maħruġa ma jkunux korretti.
- L-aġenziji jistgħu jitneħħew mil-lista fi kwalunkwe waqt. Qabel ma jibdedw xogħol ma' aġenzija partikolari, l-esportaturi jingħataw parir li jiċċekkjaw mal-awtoritajiet nazzjonali (ara l-Anness XIII għar-Regolament (KE) Nru 612/2009) li dik l-aġenzija tkun għadha approvata.
- L-esportaturi jistgħu jiksbu aktar taġhrif mill-awtorità nazzjonali dwar kwalunkwe aġenzija li tkun approvata.

(<sup>1</sup>) ĠU L 186, 17.7.2009, p. 1.

## ANNEX

**Lista ta' aġenzji ta' supervizzjoni approvati mill-Istati Membri****ID-DANIMARKA**

Baltic Control Ltd Aarhus <sup>(1)</sup>  
Sindalsvej 42 B  
PO Box 2199  
8240 Risskov  
DANMARK

Tel. +45 86216211  
Fax +45 86216255  
<http://www.balticcontrol.com>  
Posta elettronika: baltic@balticcontrol.com

Perjodu tal-approvazzjoni: Mill-21.7.2008 sal-20.7.2011 (l-approvazzjoni mill-ġdid qed tiġi investigata)

**IL-ĠERMANJA**

IPC HORMANN GmbH <sup>(1)</sup>  
Independent Product-Controlling  
Ernst-August-Straße 10  
29664 Walsrode  
DEUTSCHLAND

Tel. +49 51616-0390  
Fax +49 5161603-9101  
<http://www.ips-hormann.com>  
Posta elettronika: ipc@ipc-hormann.com

Perjodu tal-approvazzjoni: Mill-1.4.2009 sal-31.3.2012

Schutter Deutschland GmbH  
Speicherstadt — Block T  
Alter Wandrahm 12  
20457 Hamburg  
DEUTSCHLAND

Tel. +49 3097660  
Fax +49 321486  
<http://www.schutter-deutschland.de>  
Posta elettronika: info@schutter-deutschland.de

Perjodu tal-approvazzjoni: Mill-1.11.2010 sal-31.10.2013

**SPANJA**

SGS Española de Control SA <sup>(1)</sup>  
C/ Trespaderne, 29  
Edificio Barajas I  
(Bº del Aeropuerto)  
28042 Madrid  
ESPAÑA

Tel. +34 913138000  
Fax +34 913138080  
<http://www.sgs.es>  
Posta elettronika: david.perez@sgs.com

Perjodu tal-approvazzjoni: Mill-1.10.2008 sal-31.9.2011 (rigward ir-Regolament (KE) Nru 612/2009) mit-22.12.2008 sal-21.12.2011 (rigward ir-Regolament (UE) Nru 817/2010)

**FRANZA**

Control Union Inspections France  
8 boulevard Ferdinand de Lesseps  
B.P. 4077  
76022 Rouen  
FRANCE

<sup>(1)</sup> Din id-ditta hija awtorizzata wkoll sabiex tagħmel kontrolli f'pajjiżi terzi skont ir-Regolament (UE) Nru 817/2010 (il-benessri tal-annimali tal-ifrat ħajjin matul it-trasport).



Tel. +33 232102100  
Fax +33 235718099  
Posta elettronika: qufrance@control-union.fr

Perjodu tal-approvazzjoni: l-approvazzjoni skadjet; l-approvazzjoni mill-ġdid qed tiġi eżaminata.

#### **L-ITALJA**

Società SGS Italia SpA  
Sede legale: via Gasparre Gozzi 1/A  
20129 Milano MI  
ITALIA

Tel. +39 0273931  
Fax +39 0270124630  
<http://www.sgs.com>  
Posta elettronika: sgs.italy@sgs.com

Perjodu tal-approvazzjoni: Mill-14.3.2011 sat-13.3.2014

Società Viglienzone Adriatica SpA  
Sede legale: via della Moscova 38  
20121 Milano MI  
ITALIA

<http://www.viglienzone.it>

Filiale di Ravenna: c.ne Piazza d'Armi 130  
48100 Ravenna RA  
ITALIA

Tel. +39 0544422242 / 428839  
Fax +39 0544590765  
Posta elettronika: controlli@viglienzone.it

Perjodu tal-approvazzjoni: Mill-14.2.2009 sal-13.2.2012

Società Bossi & C. Transiti SpA  
Via D. Fiasella 1  
16121 Genova GE  
ITALIA

Tel. +39 0105716  
Fax +39 0105716246  
Posta elettronika: bossi@bossi-transiti.it  
<http://www.bossi-transiti.it>

Perjodu tal-approvazzjoni: Mill-15.6.2010 sat-14.6.2013

#### **IL-PAJJIŻI L-BAXXI**

Control Union Nederland <sup>(1)</sup>  
Boompjes 270  
3011 XZ Rotterdam  
NEDERLAND

PO Box 893  
3000 AW Rotterdam  
NEDERLAND

Tel. +31 102823390  
Fax +31 104123967  
Posta elettronika: netherlands@controlunion.com

Perjodu tal-approvazzjoni: Mill-1.11.2008 sal-31.10.2011

Saybolt International B.V.  
Stoomloggerweg 12  
3133 KT Vlaardingen  
NEDERLAND

Tel. +31 104609911  
Fax +31 104353600  
<http://www.saybolt.com>

Perjodu tal-approvazzjoni: Mill-1.2.2010 sal-31.1.2013

<sup>(1)</sup> Din id-ditta hija awtorizzata wkoll sabiex tagħmel kontrolli f'pajjiżi terzi skont ir-Regolament (UE) Nru 817/2010 (il-benessri tal-animali tal-ifrat ħajjin matul it-trasport).

**IL-POLONJA**

J.S. Hamilton Poland Ltd. Sp. z o.o.  
ul. Świętojańska 134  
81-404 Gdynia  
POLSKA/POLAND

Tel. +48 586607720  
Fax +48 586007721  
<http://www.hamilton.com.pl>  
Posta elettronika: [info@hamilton.com.pl](mailto:info@hamilton.com.pl)

Perjodu tal-approvazzjoni: Mit-3.12.2010 sal-25.11.2013

Polcargo International Sp. z o.o.  
ul. Henryka Pobożnego 5  
70-900 Szczecin  
POLSKA/POLAND

Tel. +48 914418201  
Fax +48 914482036  
<http://www.polcargo.pl>  
Posta elettronika: [office@polcargo.pl](mailto:office@polcargo.pl)

Perjodu tal-approvazzjoni: Mit-3.12.2010 sal-25.11.2013

SGS Polska Sp. z o.o.  
ul. Bema 83  
01-233 Warszawa  
POLSKA/POLAND

Tel. +48 223292222  
Fax +48 223292220  
<http://www.pl.sgs.com>  
Posta elettronika: [sgs.poland@sgs.com](mailto:sgs.poland@sgs.com)

Perjodu tal-approvazzjoni: Mit-3.12.2010 sal-25.11.2013

**IL-FINLANDJA**

OY Lars Krogus AB <sup>(1)</sup>  
Vilhonvuorenkatu 11 B 10  
FI-00500 Helsinki  
SUOMI/FINLAND

Tel. +358 947636300  
Fax +358 947636363  
Posta elettronika: [finland@krogus.com](mailto:finland@krogus.com)  
<http://www.krogus.com>

Perjodu tal-approvazzjoni: Mill-15.5.2009 sal-14.5.2012

**IR-RENJU UNIT**

ITS Testing Services Ltd (Intertek)  
Caleb Brett House  
734 London Road  
West Thurrock Grays  
Essex  
RM20 3NL  
UNITED KINGDOM

Tel. +44 1708680200  
Fax +44 1708680255  
Posta elettronika: [mstokes@caleb-brett.com](mailto:mstokes@caleb-brett.com)

Perjodu tal-approvazzjoni: Mill-4.4.2010 sal-4.4. 2013

---

<sup>(1)</sup> Din id-ditta hija awtorizzata toħroġ ċertifikati biss għar-Russja, l-Ukraina u l-Belarus. Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-awtoritajiet Finlandiżi.

## V

(Avviżi)

## PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Sejħa għal proposti taħt il-programm ta' ħidma Ideat 2012 tas-Seba' Programm Qafas tal-KE għall-Attivitajiet ta' Riċerka, Żvilupp Teknoloġiku u Dimostrazzjoni**

(2011/C 312/04)

Qiegħed jingħata b'dan avviż dwar it-tnedija ta' sejħa għal proposti taħt il-programm ta' ħidma Ideat 2012 tas-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għall-Attivitajiet ta' Riċerka, Żvilupp Teknoloġiku u Dimostrazzjoni (2007 sa 2013).

Huma mistiedna proposti għas-sejħa li ġejja. Iż-żmien perentorju tas-sejħa u l-baġit indikattiv huma mogħ-tija fit-test tas-sejħa, li huwa ppubblikat fuq il-Portal tal-Parteċipant.

**Programm ta' ħidma Ideat:**

|                         |                   |
|-------------------------|-------------------|
| Titlu tas-Sejħa         | ERC Synergy Grant |
| Identifikatur tas-Sejħa | ERC-2012-SyG      |

Din is-sejħa għal proposti hija relatata mal-programm ta' ħidma adottat mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2011) 4961 tad-19 ta' Lulju 2011.

Informazzjoni dwar il-modalitajiet tas-sejħa, il-programm ta' ħidma, u l-gwida għall-applikanti dwar kif jiġu sottomessi proposti hija disponibbli permezz tal-websajts rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea:

<http://ec.europa.eu/research/participants/portal/appmanager/participants/porta>

## IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

**Stedina lill-istituzzjonijiet akkademiċi biex jesprimu interess li jiġu involuti fil-Kumitat Konsultattiv Konġunt CARIFORUM-KE fuq il-bażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar Pożizzjoni Komunitarja fir-rigward tal-parteċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv CARIFORUM-KE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, u dwar l-għażla tar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet fil-Parti tal-KE**

(2011/C 312/05)

L-Artikolu 232 tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati CARIFORUM, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, jistabbilixxi Kumitat Konsultattiv Cariforum-KE bl-inkarigu li jgħin lill-Kunsill Konġunt CARIFORUM-KE jipromovi d-djalogu u l-kooperazzjoni bejn ir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, fosthom il-komunità akkademika u l-imsieħba soċjali u ekonomiċi.

Il-Kumitat Konsultattiv għandu jrawwem djalogu soċjali u ċivili permezz tal-konsultazzjoni dwar l-aspetti kollha marbuta ma' kwistjonijiet soċjali, ekonomiċi, ambjentali u dawk ta' żvilupp li jqumu fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-CARIFORUM-UE-FSE.

In-naħa Ewropea tal-Kumitat Konsultattiv għandha tkun magħmula minn 15-il membru – 9 membri jirrapreżentaw lill-atturi soċjoekonomiċi, 4 membri jirrapreżentaw lill-NGOs u 2 membri jirrapreżentaw lill-komunità akkademika.

1. L-istituzzjonijiet akkademiċi huma mistiedna jesprimu l-interess tagħhom li jiġu inklużi f'Roster ta' organizzazzjonijiet li se jkunu involuti fil-Kumitat Konsultattiv CARIFORUM-KE (minn issa 'l quddiem imsejjaħ il-"Kumitat"). L-inklużjoni fir-Roster hija miftuħa għall-istituzzjonijiet akkademiċi kollha, inklużi l-istituzzjonijiet tar-riċerka indipendenti, li jissodisfaw il-ħtiġijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2009 (fl-appendiċi).
2. Biex jirreġistraw fir-Roster, l-istituzzjonijiet akkademiċi jridu jipprovdu informazzjoni dwar kif jissodisfaw dawn il-ħtiġijiet, b'mod speċjali rigward il-post li jinsabu fih u l-kompetenzi tagħhom.
3. L-istituzzjonijiet akkademiċi li jesprimu l-interess tagħhom li jiġu inklużi fir-Roster għandhom jindikaw ukoll jekk wieħed mir-rappreżentanti tagħhom huwix interessat li jservi bħala membru permanenti tal-Kumitat. F'dan il-każ, huma jkollhom jipprovdu informazzjoni dwar il-kompetenzi tal-persuna li qed tiġi proposta fl-oqsma koperti mill-Ftehim, kif ukoll Curriculum Vitae dettaljat. Din l-informazzjoni ser tkun disponibbli għall-istituzzjonijiet akkademiċi kollha li jkunu rreġistraw fir-Roster. L-istituzzjonijiet akkademiċi inklużi fir-Roster imbagħad jintalbu japprovaw il-kandidatura ta' żewġ membri permanenti tal-Kumitat minn fost dawk li jkunu wrew interess. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-indennizz ta' kuljum marbuta mal-parteċipazzjoni tal-membri permanenti fil-laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv jiġu koperti.
4. L-istituzzjonijiet akkademiċi inklużi fir-Roster ser jinżammu infurmati dwar l-attivitajiet tal-Kumitat mis-segretarjat tal-Kumitat u ser ikunu jistgħu jieħdu sehem bħala osservaturi fil-ħidma tal-Kumitat billi jħallsu huma stess. L-arranġamenti għall-parteċipazzjoni ser jitniżżlu fir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat.
5. L-applikazzjonijiet kollha għar-reġistrazzjoni għandhom isiru permezz tal-formola tar-reġistrazzjoni li tinsab fis-sit tal-internet <http://spportal/cariforum-eu> u għandhom jaslu mhux iżjed tard mis-7 p.m. (ħin ta' Brussell) tal-1 ta' Diċembru 2011.
6. L-irċevuta tar-reġistrazzjoni fir-Roster tintbagħat bil-posta elettronika.

**Stedina lill-organizzazzjonijiet nongovernattivi biex jesprimu interess li jiġu involuti fil-Kumitat Konsultattiv Konġunt CARIFORUM-KE fuq il-bażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar Pożizzjoni Komunitarja fir-rigward tal-parteċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv CARIFORUM-KE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, u dwar l-għażla tar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet fil-Parti tal-KE**

(2011/C 312/06)

L-Artikolu 232 tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati CARIFORUM, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, jistabbilixxi Kumitat Konsultattiv CARIFORUM-KE bl-inkarigu li jgħin lill-Kunsill Konġunt CARIFORUM-KE jippromovi d-djalogu u l-kooperazzjoni bejn ir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, fosthom il-komunità akkademika u l-imsieħba soċjali u ekonomiċi.

Il-Kumitat Konsultattiv għandu jrawwem djalogu soċjali u ċivili permezz tal-konsultazzjoni dwar l-aspetti kollha marbuta ma' kwistjonijiet soċjali, ekonomiċi, ambjentali u dawk ta' żvilupp li jqumu fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-CARIFORUM-UE-FSE.

In-naħa Ewropea tal-Kumitat Konsultattiv għandha tkun magħmula minn 15-il membru – disa' membri jirrapreżentaw lill-atturi soċjoekonomiċi, erba' membri jirrapreżentaw lill-NGOs u żewġ membri jirrapreżentaw lill-komunità akkademika.

1. L-organizzazzjonijiet nongovernattivi, inklużi l-organizzazzjonijiet tal-iżvilupp u l-ambjent, huma mistiedna jesprimu l-interess tagħhom li jiġu inklużi f'Roster ta' organizzazzjonijiet li se jkunu involuti fil-Kumitat Konsultattiv CARIFORUM-KE (minn issa 'l quddiem imsejjaħ il-“Kumitat”). L-inklużjoni fir-Roster hija miftuħa għall-organizzazzjonijiet kollha li jissodisfaw il-ħtiġijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2009 (fl-appendiċi).
2. Biex jirreġistraw fir-Roster, l-organizzazzjonijiet iridu jipprovdu informazzjoni rigward il-post li jinsabu fih, il-kompetenzi tagħhom u l-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati li huma jirrapreżentaw.
3. L-organizzazzjonijiet li jesprimu l-interess tagħhom li jiġu inklużi fir-Roster għandhom jindikaw ukoll jekk wieħed mir-rappreżentanti tagħhom huwiex interessat li jservi bħala membru permanenti tal-Kumitat. F'dan il-każ huma jkollhom jipprovdu informazzjoni dwar il-kompetenzi tal-persuna li qed tiġi proposta fl-oqsma koperti mill-Ftehim, kif ukoll curriculum vitae dettaljat. Din l-informazzjoni ser tkun disponibbli għall-organizzazzjonijiet kollha li jkunu rreġistraw fir-Roster. L-organizzazzjonijiet inklużi fir-Roster imbagħad jintalbu japprovaw il-kandidatura ta' mhux aktar minn żewġ membri permanenti tal-Kumitat minn fost dawk li jkunu wrew interess. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-indennizz ta' kuljum marbuta mal-parteċipazzjoni tal-membri permanenti fil-laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv jiġu koperti.
4. L-organizzazzjonijiet inklużi fir-Roster ser jinżammu infurmati dwar l-attività tal-Kumitat mis-segretarjat tal-Kumitat u ser ikunu jistgħu jieħdu sehem bħala osservaturi fil-ħidma tal-Kumitat billi jħallsu huma stess. L-arranġamenti għall-parteċipazzjoni ser jitniżżlu fir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat.
5. L-applikazzjonijiet kollha għar-reġistrazzjoni għandhom isiru permezz tal-formola tar-reġistrazzjoni li tinsab fis-sit tal-internet <http://sportal/cariforum-eu> u għandhom jaslu mhux iżjed tard mis-7 p.m. (ħin ta' Brussell) tal-1 ta' Diċembru 2011.
6. L-irċevuta tar-reġistrazzjoni fir-Roster tintbagħat bil-posta elettronika.

PROCĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni  
(Każ COMP/M.6357 – Koninklijke Philips/Indal Group)**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/C 312/07)

1. Fis-17 ta' Ottubru 2011, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 139/2004<sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża Philips Electronics N.V. ("Philips", l-Olanda) takkwista fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll tal-impriżi kollha Industrias Derivadas del Aluminio, SA ("Indal", Spanja) permezz ta' xiri ta' ishma

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għall-impriża Philips: grupp diversifikat attiv fl-oqsma tad-dawl, il-kura tas-saħħa u l-istil tal-ħajja tal-konsumatur,

— għall-impriża Indal: dawl professjonali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6357 – Koninklijke Philips/Indal Group, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").



## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

|  |  |                    |
|--|--|--------------------|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss                               | 22 lingwa uffiċjali tal-UE                 | Eur 1 100 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali                                | 22 lingwa uffiċjali tal-UE                 | Eur 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss                                   | 22 lingwa uffiċjali tal-UE                 | Eur 770 fis-sena   |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)                           | 22 lingwa uffiċjali tal-UE                 | Eur 400 fis-sena   |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 300 fis-sena   |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet  | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni        | Eur 50 fis-sena    |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

### Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

[http://publications.europa.eu/others/agents/index\\_mt.htm](http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm)

**EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>**

